MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Numru. 251/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Rafal Zelbert, iben Jan u Genowefa Konkol, imwieled Lukow, il-Polonja nhar l-4 ta' Settembru, 1980, residenti fi-fond 112A, Triq Schitbalanuds, Rotterdam, l-Olanda, detentur ta' dokument ta' identita' Pollak bin-numru ARG894817;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Rafal Zelbert**, li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-28 ta’ Jannar, 2011, u fil-jiem ta’ qabel:

1. Assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika f’dawn il-Gzejjer, medicina (eroina u/jew kokaina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoccjazzjoni, sabiex tigi mportata f’Malta d-droga eroina u/jew kokaina, u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli mporta jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mpurtata medicina perikoluza (eroina u/jew kokaina), f’Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u/jew kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi

ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. U aktar talli importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u specifikata (Diazepam) minghajr ma kien awtorizzat kif imiss bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Oridnanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

5. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (Diazepam) meta ma kinx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhomx x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22/1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinxi hati tal-istess.

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali bhala Dok JF2 a folio 8.

Rat ukoll id-digriet tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rafal Zelbert***", digriet datat 3 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti Kriminali ordnat, wara li rat l-Att tal-Akkuza 24/2014 u l-linji gwida hemm elenkati, illi l-

imputat (ir-rikorrenti fil-kaz tal-Qorti Kriminali), kellu jigi processsat quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Rat ghalhekk l-atti kollha tal-kawza, u ezaminat bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok rat li giet ezebita l-Inkjesta Magisterjali dwar importazzjoni ta’ droga llegali gewwa kapsoli minn Rafal Zelbert gewwa l-Ajruport ta’ Malta. Kienet ghalhekk tali sejba li nstigat dawn il-proceduri.

Fil-fatti xehdu l-ufficjali tad-Dwana dwar dan. Qal illi kienu ntercettaw passiggier, pero mill-ezami tal-x-ray fuq il-bagoll tieghu ma kien irrizulta xejn. L-istess **Kevin Francica** bhala fizzjal tal-Enforcement tad-Dwana dwar informazzjoni li kien ircieva minghand **PC 1348 Joseph Campbell** fuq flight minn Zurich dwar persuna li kienet gejja liebsa gakketta tal-gilda sewda b’faxx abjad u ahmar, li x’aktarx kienet qed iggorr droga fuqha. Twaqqfet din il-persuna u ghaddew il-bagoll mill-x-ray machine. Iddecidew li jnizzlu lil din il-persuna d-Depot. Qal illi l-x-ray tal-bagoll ta rizultat fin-negattiv.
Dwar l-x-ray li ttiehed gewwa l-Isptar fuq din il-persuna, xehed illi r-radiographer kien infurmahom li kien qed jara “*ghat-tond*”, xi haga mhux normali.

**Salvu Buhagiar**, ukoll ufficjal tad-Dwana, xehed illi twaqqaf passiggier minn fuq it-titjira KM491. Ezamijiet fil-bagoll ta’ dan taw rizultati fin-negattiv. Ittiehed Mater Dei biex jittiehdulu x-rays.

L-**<u>Ispettur Johann Fenech bhala l-Ufficjal Prosekutur</u>** ukoll xehed dwar Pollakk illi kellu jidhol minn Zurich bl-isem ta' Rafal Zelbert liebes bil-gakketta ndikata. Dan twaqqaf fit-8.30pm. Jghid illi mieghu kellu biss bagoll zghir. Qal illi peress li kellu informazzjoni li dan seta' kien qed igorr droga, tah il-caution. Staqsieh ukoll kellux oggezzjoni li jittiehed l-Isptar ghall-x-ray tal-istonku – jghid illi deher qisu dell fl-abdomen tieghu.
Kien gie nfurmat li kien ghadda hamsa u ghoxrin (25) kapsola, imbaghad disgha (9) ohra. Hadlu statement gewwa l-Isptar. Qal illi qabel dan rega' tah il-caution u d-dritt ta' konsulenza legali. Ghalhekk prezenta l-statement bhala Dok JF a folio 133. Prezenta wkoll karta li nstabet fuq l-imputat, b'isem ta' lukanda bhala Dok JF1 u l-boarding pass ta' Zelbert bhala Dok JF2. Dok JF3 kien l-airline booking.

L-statement tal-imputat ittiehded bil-lingwa Ngliza.

Jinghad illi tul il-proceduri, ghalkemm l-imputat kien jidher illi jifhem bl-Ingliz, dan ma giex dikjarat fil-bidu, anzi dejjem kien assistit minn interpretu fil-lingwa Pollakka. L-statement ittiehdet ukoll b'din l-assistenza. Il-kontenut tal-istess jigi ezaminat ftit aktar tard f'dawn il-proceduri. Fil-fatt meta l-imputat xehed viva voce, ghazel illi jixhed bl-Ingliz, pero ried l-assistenza tal-interpretu bil-Pollakk.

In kontro ezami l-Ispettur qal illi t-tip off li rcevew fuq l-imputat kienet gejja mill-Ewropa, pero ma kinx jaf is-sors ta' din l-informazzjoni. Zied illi Zelbert ma setax ma jikkollaborax mal-pulizija, stante li nstabulu l-pilloli fl-istonku. Qal pero, illi meta dahal il-Habs sabulu pilloli ohra mohbija fic-cintorin tieghu li ma kinx qallhom bihom. Qal illi

fil-fehma tieghu dan ma kinx jammonta ghal kollaborazzjoni (dejjem fehma).
Ma kinx f'posizzjoni jirrispondi ghad-domanda tad-Difiza li t-tip off saret biex tisgwida lill-pulizija; lanqas jekk kinx hemm xi *courier* iehor fuq l-istess flight.
Ma setax jaqbel mad-Difiza li , ghax l-imputat kien qed igorr ammont minimu ta' droga, li kellu jigbed xi konkluzjonijiet ohra. Wiegeb illi l-imputat ma kinx jaf x'tip ta' droga kien qed igorr, ghalih jew eroina jew kokaina.

Xehdu ghalhekk ukoll il-pulizija nvoluti f'dan il-kaz, u dawk mahtura fl-Ingenere.

**PS 644 Evan Camilleri flimkien ma' PS 612 Theo Vella**, mahtura fl-Inkjesta, ezebew ir-relazzjoni taghhom, mahtura biex jelevaw l-evidenza, u ghat-tehid ta' ritratti (folio 103).

L-istess **PS 171 Karl Glanville** u **PC 1392 Kevin Buhagiar**, ukoll prezentaw l-inkarigu taghhom, inkluz faxxikolu b'ritratti tal-kapsoli

**PC 323 Cedric Buhagiar** xehed dwar il-fatt illi l-imputat waqt li kien qed jigi skortat minnu u minn PC 1372 lejn CCF, saritlu hemm strip search u nstabulu tnax(12)-il kapsola mohbija fic-cinta tal-qalziet li l-istess imputat kien liebes. Dan gie kkonfermat ukoll minn **PC 1372 Alan Cutajar**.

**PC 1348 Joseph Campbell** xehed dwar xoghol li kienu mibghuta jaghmlu in relazzjoni ma' flight li kienet gejja minn Zurich dwar persuna liebsa gakketta sewda bi straps. Qal illi l-imputat ittiehed Mater Dei u li fil-watch tieghu ghadda tlieta u tletin (33) kapsola. Hawn kien flimkien ma' PC 1392.

**PS 635 Alan Cutajar** xehed illi hu akkumpanja lill-imputat biex issirlu x-ray gewwa Mater Dei. Qal illi l-imputat il-hin kollu beda jghidilhom li hu ma kien bela' xejn illegali. Ittiehdulu l-x-rays u gew infurmati li jista' jkun li kien hemm go fih xi haga suspettuza. Qal illi x'hin Zelbert talab lil dan ix-xhud biex johrog barra mill-Isptar biex ipejjep, kien hawn illi nforma lil dan li kien bela' ammont ta' pilloli li seta' jkun fihom xi tip ta' droga. Ikkonferma wkoll li waqt li kienu CCF instabu fuq l-imputat fic-cinta tal-qalziet tieghu xi kapsoli bi trab li kienu bil-plastic.

**PC 1065 Neville Grech** ikkonferma li fix-shift tieghu l-imputat ghadda zewg (2) kapsoli. Qal illi meta rega' rritorna lejn l-Isptar, PC 777 u PC 1372 tawh handover ta' zewg (2) kapsoli tal-istess. Ikkonferma wkoll il-presenza tieghu ghall-istqarrija wara li l-imputat inghata t-twissija. Din l-istqarrija per parentesi giet anke kkonfermata mit-tradutur ghall-lingwa Pollakka, prezenti ghall-istess (kif ukoll tul l-istqarrija), Ireneusz Marek Rostkowski.

**PC 365 Malcolm Grixti** wkoll xehed illi twaqqaf l-MIA l-imputat b'suspett li kien qed igorr droga gol-istonku. Kien anke l-Isptar flimkien ma' PC 1348 xehed illi Zelbert ipporga tlieta u tletin (33) kapsola.

**PC 1065 Neville Grech** xehed li fix-shift tieghu l-imputat ghadda zewg (2) kapsoli li tahom handover lil PC 777 u PC 1372, spicca ghaddiehom lil tal-Forensic Section – PS 644 u PS 612. Ikkonferma wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat maghmula fil-presenza tal-interpretu Ireneusz Marek Rostkowski.

**PC 777 Chris Ebejer** ikkonferma li rcieva handover ta' zewg (2) kapsoli minghand PC 1065 li hu tah lura fix-shift ta' wara tieghu. Ma kinx pero jaf jghid minn fejn kienu gew dawn iz-zewg (2) kapsoli.

**PC 496 Ryan Agius** ikkonferma li PC 1065 kien ta zewg (2) kapsoli lil PS 612 tas-SOCO.

**Alphonse Cauchi** in rapprezentanza ta' Air Malta Plc, ezebixxa l-biljett tal-ajru tal-imputat bhala Dok AC (folio 233).

Dwar it-trovata tas-sustanza fil-qalziet tal-imputat, **PS 36 Sergio Azzopardi u PS 186 Kristian Mintoff** prezentaw ir-relazzjoni dwar din it-trovata, Dok SA/KM, folio 246.

Dwar id-droga nnifisha, l-**Ispizjar Mario Mifsud** ezebixxa r-relazzjoni tieghu.
Ikkonkluda in ezami tas-sustanza misjuba hekk:

"*Ghaldaqstant, mir-rizultanzi miksuba, l-Esponent Mario Mifsud, Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi li fis-sebgha u erbghin speci ta' kapsoli ta' lewn kafelatte, li go fihom kien hemm sustanza ta' lewn kannella car f'ammont nett totali ta'* ***443.68 grammi****, li kien hemm fid-dokument 054/11/01, instabu fihom is-sustanza tal-Paracetamol, il-Caffeine, u d-Diazepam (circa 1 – 1.5%). Is-sustanzi tal-Paracetamol, li hija analgesic, u l-Caffaine li hija xanthine stimulant, mhux ikkontollati bil-Ligi ta' Malta waqt li s-sustanza Diazepam, li hija tranquiliser, hija kkontrollata b il-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Spjega wkoll fix-xhieda tieghu, illi s-sustanzai Diazepam (gia' kkontrollata taht il-Kap 31), mizjuda mal-eroina, ghandha effett simili fuq in-nervous system li tixbah lill-eroina. Spjega li fil-fatt jirrizulta kaz fejn id-Diazepam innifsu flimkien mal-Paracetamol u mal-kafeina jinstabu mhallta mal-eroina.

**Dr Martin Bajada** nominat biex jezamina c-cellulari tal-imputat, ezebixxa l-inkarigu tieghu, Dok MB.

Gew ezebiti wkoll l-Ittri Rogatorji ezegwiti gewwa l-Olanda, Dok AG, li gew sussegwentement tradotti fil-lingwa Maltija minn **Dr Daphne Sims Dodebier**, Dok DD.

L-**interpretu Ireneusz Marek Rostkowski** prezenta r-relazzjoni tieghu fuq l-inkarigu li rcieva biex jittraduci fil-lingwa Ngliza dak li rrizulta fil-Pollakk mir-relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada, ghalhekk mill-ezami tac-cellulari tal-imputat, Dok TB folio 309.

Il-Qorti ezaminat ukoll dak li xehdu bil-proceduri ta’ Rogatorji fl-Olanda **Anna Elzbieta Matyjaszczuk**, u **Jean Paul Orawgwa**.

**Jean Paul Orawgwa** dwar Zelbert qal illi hu kien wasslu biss sa Amsterdam; li hu kien avvicinah flimkien ma’ certu Anne; li ma kinx prezenti meta Zelbert bela’ l-kapsoli. Zied illi kienu n-nies ta’ Spanja li xtraw il-biljett tal-ajru ghal Zelbert.

**Anna Elzbieta Matyjaszczuk** xehdet senjalament li rat lil Zelbert ghall-ewwel darba f’Rotterdam f’Jannar tas-sena 2011, u dan ma’ certu Ola li kien jghix mieghu. Skondtha kien jaf li kien gej l-Olanda biex jikkonsenja d-droga. Qalet illi

kellu jibla’ hamsa u hamsin (55) kapsola, pero rremetta u bela’ sebgha u erbghin (47) globi. Ma kinitx taf il-kontenut taghhom, lanqas il-valur taghhom. Xehdet illi kien John li kien ha lill-imputat gewwa Amsterdam; illi kien l-istess John Paul li organizza l-biljett tal-ajru ghal Malta u akkomodazzjoni ta’ Zelbert. Innegat illi hi kellha xi tip ta’ identifikazzjoni bhala dokumenti ta’ Zelbert; lanqas li qatt ma rat xi ritratti tal-familja tieghu; qalet illi lanqas biss kienet tafhom.
Fix-xhieda taghha din Anne qalet illi hi ghamlitha ta’ interpretu bejn John Paul u Rafal. Qalet illi Rafal kien jaf li kellu jittraffika d-droga.
Dwar id-droga, qalet ukoll illi dan Rafal jekk ma kinx ser jirnexxielu jibla’ d-droga, kellu jdahhalha fil-warrani; illi l-iskop kien li jaqla’ l-flus. Qalet ukoll illi bil-kliem li ntqal fehmet illi Rafal kellu mija (100) – dan b’referenza ghal mitt (100) b’sustanza narkotika, u li bil-kliem li Rafal ried jippakkja dan, kien ifisser li kellu jibla’ l-bocci.

Rafal Zelbert irrilaxxa wkoll stqarrija, din bil-lingwa Ngliza dejjem bl-ghajnuna tal-interpretu Ireneusz Marek Rostkowski.

Ikkonferma li kien irrifjuta jiehu parir legali. Ikkonferma li hu kien gie Malta fuq titjira LX4370 minn Zurich u li kien qed igorr gol-istonku tieghu ‘*foreign bodies*’. Qal illi dawn kienu tnejn u tletin (32) u hamsa u tletin (35) kapsola.

Qal illi kien konxju li kien qed igorr droga ghal Malta, pero zied illi ma kinx dan b’scelta tieghu - gie sfruzat. Qal illi din kienet l-ewwel titjira tieghu. Qal illi kien gej Malta biex igib id-droga u jaghtieha lil xi hadd. Kien ser jithallas ghaxar Ewro (€10) ghal kull kapsola. Qal illi hu gie mibghut bhala ‘*trial*’,

prova ghaliex is-soltu biex ikun ta' qliegh il-*couriers* idahhlu bejn mitt (100) – mitejn (200) kapsola.

Qal illi ma kellux ghazla, ghalhekk ghamel dan. Qal illi kien qed jghix go fond mikri minn tfajla Pollakka Anna jew Anka, gewwa Tapuistraat gewwa Rotterdam fl-Olanda ghall-gimaghtejn ta' qabel. Qal illi fl-ahhar xahar gewwa Rotterdam kien qed jahdem ghal wiehed jismu Andrzej Gudy fil-bini. Qal illi dan ma kinx ihallsu ghax-xoghol u siehbu – certu Adam Zielinski, li skondtu wkoll gie arrestat gewwa Zurich talli kien qed igorr il-kapsoli, sar jaf lil din Anna. Din offrietilhom post ghandha fejn joqoghdu u anke xoghol. Wieghditu li ssiblu xoghol fil-bini, imma dan skondtu ma garax. Qal illi lil din Anne skondtha kellhom jaghtuha bejn erba' (4) hbieb elf u hames mitt Ewro (€1,500). Nonostante li dawn qalulha li ma setghux ihallsuha, din riedet il-pagament fi zmien tlitt (3) ijiem. Qaltilhom illi biex ihallsuha kellhom idahhlu d-droga f'pajjizi ohra. Qal illi persuna wahda biss accetta dan, u gie arrestat gewwa l-Isvezja. Qal illi darba li rrifjutaw, din gabet  ritratti ta' membri tal-familja taghhom u bdiet theddidhom b'hekk. Accettaw.

Dwar din Anna qal illi din kellha Audi kulur ahdar skur, kellha zewg subien, tghix wahidha. Ta deskrizzjoni taghha. Qal illi Malta kellu joqghod il-Fortina, hemm gia' kellu kamra bbukkjata. Ma kinx jaf min kien ghamel jew hallas dan il-booking. Qal illi zewg irgiel, wiehed minnhom bl-isem ta' Mumi, hadlu mitt (100) kapsola biex jiblaghhom, li dawn ma jaccettawx anqas minn transport ta' mitt (100) kapsola ghaliex ma jaqblilhomx.
Qal illi l-gurnata ta' qabel il-bierah, dawn gabruh mill-post ta' Anna u haduh Amsterdam ghall-flat faccata tal-Metro Station. Kellu, skondthom, jibda jibla' bejn tnejn u tletin (32) u hamsa

u tletin (35) kapsola. Ghalkemm dawn qalulu li dan ma kinx bizzejjed, accettaw ghax kienet l-ewwel darba tieghu. Qal illi hu kellu l-hsieb li jaghmel ftit flus u jitlaq lejn il-Polonja. Qal illi din Anna kienet, bl-iskuza li ser issibilhom xoghol, haditilhom id-dokumenti kollha u anke rnexxielha tottjeni ritratt ta' uliedhom fil-Polonja. Qal illi Anna u dawn iz-zewg irgiel jahdmu ghal persuna bl-isem ta' Jean Paul - ma' dan kien iltaqa' diversi drabi, qal.

Qal illi ghal dan l-involviment hu ma thallas xejn. Anna taghtu mitejn Ewro (€200) ghall-isepejjez. Kellu jithallas mir-ricevent tad-droga lokali u kellu jibghat il-flus tramite Western Union, inkella kellu jgorr fuqu l-kontanti lejn l-Olanda. Qal illi kull kapsola kellha valur fis-suq ta' erba' mitt Ewro (€400). Kellhom inaqqsulu mill-pagament, il-pagament ta' kull kapsola li ma kinx ser jirnexxielu jgorr. Kellu jithallas mar-ritorn u dan biss darba li jkun hallas lil Anna.

Qal ukoll illi hu ma kinx jaf lil min kellu jaghti d-droga, kellha tghidlu Anna. Anna kienet qaltlu li l-kapsoli kellhom jew kokaina jew eroina, dan sar jafu gimaghtejn qabel ma telaq lejn Malta.

Qal illi hu kellu, darba li jitlaq mill-Ajruport, icempel lil Anna. Kellu jkun hemm taxi tistennieh biex tiehdu l-Fortina Hotel. Hemm kellu jerga' jcempel lil Anna. Darba li jkun nehha l-kapsoli kellu jibaghtilha SMS. Qal illi ma qalx dan meta nqabad ghax beza' ghall-familja tieghu.

Qal illi hu ma kinx lest icempel lil Anna mhux ghax ma ridx jikkopera, imma ghax Anna ghalih kienet professjonali u kien qed jibza' ghall-familja tieghu.

Qal illi hu mar jghix ma’ Anna ghax haseb illi kienet persuna onesta u genwina. Fil-Polonja qal illi kien jaqla’ tlitt mitt Ewro (€300) fix-xahar meta dan l-ammont fl-Olanda seta’ jaqilghu fil-gimgha.

Qal illi hu sema’ li din it-tip ta’ konsenja f’Malta tigri kull erba’ (4) tlitt (3) gimaghat minn ajruporti varji – UK, Italja, Franza, u Spanja. Qal illi d-droga kienet tasal Spanja mill-Marokk. Ir-reklutagg kien jokkorri principalment gewwa l-Olanda.

Semma ‘*courier*’ tal-esperjenza bl-isem Franek, Pollakk, li skondtu kien jigi Malta ta’ spiss.

Qal illi kien jiddispjacieh ta’ dak li ghamel.

Minn jeddu, meta ha l-pedana, ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija appena ezaminata. Spjega li hu ma kellux triq ohra hlief li jaghmel dak li ghamel, ghaliex kien tilef ix-xoghol u ried ihallas flus lura li ma kellux. Fuq suggeriment tal-Qorti, irrisponda:

“*Court:* *You are saying that you were forced to carry drugs because of financial problems:*

*Accused:* *Yes. Exactly.*”

Mistoqsi kinux involuti armi, irrisponda fin-negattiv. Qal issa illi ikien issellef il-flus u ried iroddhom lura ghas-somma ta’ hames mitt Ewro (€500), dan ghax skondtu tilef ix-xoghol. Xehed illi hu mar l-Olanda bil-hsieb illi jahdem fil-kostruzzjoni. Ikkonferma li anke fil-Polonja kien jahdem f’dan il-kamp u li kien jaqla’ tliet mija u hamsin Ewro (€350) - erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar.

L-Olanda kellu paga minima, dik ta’ elf u mitejn Ewro (€1,200) – elf u hames mitt Ewro (€1,500) mensili. Qal illi pero l-Olanda tilef ix-xoghol ghax is-sid gheb. Xehed illi ma kellux flus biex imur lura l-Polonja; lanqas biex jixtri l-ikel; lanqas biex ihallas akkomodazzjoni.

Qal darba li tilfu d-dar (jitkellem fil-plural minhabba shabu fl-istess sitwazzjoni), iltaqghu ma’ mara, din Anna, li offrietilhom dar u ssibilhom xoghol.

Qal illi din il-mara u l-boyfriend taghha mill-Afrika sabulhom dar, pero wara gimgha, gimaghtejn, talbuhom il-flus tal-akkomodazzjoni wkoll, illi kellhom ihallsuhom immedjatament. Qalulhom – hawn jirreferi ghall-mara, illi kellhom jaghmlu xi haga ghaliha. Qal illi fil-bidu la qabel u lanqas ried.
Qal illi dawn qalulhom illi jekk ma jaccettax, la ma kellhomx flus, kien ser ikollhom inkwiet kbir, jghid il-kliem “*big trouble*” (folio 332).

Qal illi tnejn minnhom accettaw u telqu jumejn qabel hu gie Malta. Qal illi wara jumejn, qabel ghax ma kellux ghazla ohra. Seta’ jghix fid-dar darba li accetta li jgorr il-kapsoli. Fuq hekk zewg irgiel suwed haduh minn Rotterdam fejn kien ghal Amsterdam, tawh il-kapsoli, bejn tletin (30) u erbghin (40), u kellu jiblaghhom. Ikkonferma li bela’ dawn, mhux kollha ghax ma setax. Qal illi dawk li ma rnexxilux jibla’, haduhom dawn in-nies.
Ikkonferma issa li kellu aktar kapsoli fil-jeans fic-cintorin – dan ghax hekk gie diregut minn dawn in-nies li jaghmel meta ma setax jibla’. Allura poggiehom fic-cintorin.

Qal illi hu lil dawn in-nies ma setax jghidilhom le ghax qal "*I have serious trouble*" (folio 335). Ma setax, zied ghax ma kellux flus biex jirritorna lejn il-Polonja; lanqas issa qal ma seta' jitlaq mill-kamra ghax ma hallewhx – dan b'referenza ghall-mara u r-ragel.

Qal, issa bil-Pollakk, ghax qabel beda jitkellem bl-Ingliz, allura gie tradott, illi kien hemm hafna nies ghassa ghalihom li ma hallewhx jitlaq mid-dar, dan mill-grupp tal-mara li offrietlu l-flat. Qal illi kien beza' ghax jekk ma setax ihallas il-kera, kienu ser jaghmlulhom il-hsara u anke jsawtuhom. Rega' rrepeta li Anne anke wrietu ritratti tal-familja tieghu, heddidtu bihom. Ma kinx jaf kif dawn ir-ritratti spiccaw ghandha. Tkellem fuq ritratti ta' tifel tieghu u omm dan. Kien ritratt illi kellu fic-cellulari tieghu. Qaltlu din Anne illi jekk jirrifjuta, dawn kien ikollhom inkwiet serju. Qal rega', illi kellu jithallas ghaxar Ewro (€10) ghal kull kapsola u li b'dawn il-flus, minnhom kellu jhallas il-kera dovuta.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta' xejn gie ppruvat illi Zelbert importa, konsegwentement kellu l-pussess tieghu (pussess aggravat) droga Diazapam, wahda kkontrollata taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fatt id-Difiza lanqas biss ikkontestat dan, pero strahet id-Difiza, u dan anke kif rifless mix-xhieda tal-imputat, ghall-fatt illi hu – Zelbert, qatt ma assocja ruhu biex jimporta Malta droga, pero kien kostrett, kif del resto spjega hu, cioe' li gie mgieghel mill-fatturi ta' nuqqas ta' flus, kif ukoll billi gie muri ritratti tal-familja tieghu bit-theddid li dawn kienu ser

ikolhom "*serious trouble*", jekk ma jiblax id-droga u jgorrha lejn Malta.

Illi spjega fit-tul l-imputat kemm fl-istqarrija a tempo vergine kif ukoll viva voce, illi hu, wara li spicca bla flus go Pajjiz esteru – l-Olanda, iltaqa' ma' certu Anna, ghalih ruh tajba li offrietlu kemm post fejn joqghod kif ukoll xoghol.
Meta jghid li flimkien ma' shabu ohra, anke dawn Pollakki, kien ilu xi gimaghtejn ghand din Anna, hu spicca mitlub il-flus tal-'board and lodging' – flus illi hu ma kellux ghax kien bla impjieg. Ghalhekk gie mgieghel illi jibla' ammont sostanzjali ta' kapsoli, globes, kontenenti droga li pero ma kinx jaf x'inhi.

Illi qal illi fil-fatt il-mules komunement kienu jibilghu minn mija (100) sa mitejn (200) kapsola, pero hu dan ma setax jaghmlu. Bela' ghalhekk dak l-ammont illi nstab fl-instonku tieghu.

Jghid Zelbert illi apparti li kien f'Pajjiz barrani bla flus u ma kellux residenza u dahal f'dejn, hu kien qed jigi mhedded minn din Anna bil-partner tieghu u t-tarbija taghhom. Ghalkemm Anna fir-Rogatorji tghid illi dan mhux minnu, illi hi ma kinitx taf il-familja tieghu, plawsibbli dak illi qal Zelbert li hi wrietu r-ritratti li kellu fic-cellulari. In *poche parole* Zelbert jghid gie ndott biex jaghmilha ta' '*mule*', issugerixxa li pero hu, bhall-ohrajn, kienu qed jigu wzati bhal '*decoy*' biex b'hekk tigi traffikata droga aktar pezanti f'ammonti akbar.

Hu x'inhu l-kaz, hu nqabad f'dan il-fatt. Hu bhala fatt accetta li jaghmilha ta' '*mule*' anke jekk sa xi grad mhux b'volontarjeta' kbira imma ghax sab ruhu fic-cirkostanzi

mwera deskritti. Sa hawn il-Qorti tifhem dak illi kien ghaddej minnu – il-faqar igib id-disperazzjoni. Pero, fejn zelaq l-imputat huwa li hu mhux biss bela' l-kapsoli, pero heba wkoll fic-cintorin u darba li nqabad fl-Ajruport u wara anke li gie nvestigat, irrizulta li dahal il-Habs bi drogi ohra mohbija fic-cintorin. Ghalhekk il-Qorti, ghalkemm tifhem dawk is-sitwazzjonijiet ta' scelti maghmula f'disperazzjoni, thoss illi l-imputat kellu kull intenzjoni li jara li l-ftehim jigi attwat, jekk mhux kollu, imma in parte, komplut, allura jirrizulta hawn illi kellu ntenzjoni jaghmel dan.

Ikkonsidrat ulterjurment illi:

Fil-konfront tar-reat ta' assoccjazzjoni, il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak misjub fil-Law Forum, College of Williams and Mary Law Social, Scholarship Repository 1976 : Criminal Conspiracy : The State of Mind Crime – Intent, Proving, Intent, Anti-Federal Intent:

"*The crime of conspiracy, unlike other substantive or inchoate crimes, deals almost exclusively with the state of mind of the defendant. Although a person may simply contemplate committing a crime without violating the law, the contemplation becomes unlawful if the same criminal thought is incorporated in an agreement. The state of mind element of conspiracy, however, is not concerned entirely with this agreement. As Dean Harno properly remarked 35 years ago, "The conspiracy consists not merely in the agreement of two or more but in their intention." That is, in their agreement the parties not only must understand that they are uniting to commit a crime, but they also must desire to complete that crime as the result of their combination.*"

…….

"*To constitute criminal conspiracy the parties must understand in a wholly serious fashion that they are jointly reaching an agreement. A mistaken understanding of the other "conspirator's" intente will eliminate the state of mind otherwise present. Usually, however, the state of mind for the agreement is less important than the mental state for the object crime, as the prosecution will have difficulty pursuing a conspiracy prosecution unless there is substantial evidence (though typically circumstantial) indicating that the parties did combine with some criminal objective in mind.*"

Il-Qorti ccitat dan ghax Hi tal-fehma li nonostante dak li xehed l-imputat - il-biza' u n-nuqqas ta' flus, hu dahal konxjament fi ftehim biex jimporta d-droga – pero hu ma giex addebitat bl-assoccjazzjoni fil-konfront tad-droga taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.
Del resto, l-imputat anke ffranka akkuza ohra talli dahhal droga fl-edificju tal-Habs! Droga misjuba mohbija f'cintorin.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, Rafal Zelbert ma jistax jinstab hati tal-akkuzi taht ir-reati kkontemplati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' ghar-reati koncernanti droga kokaina u eroina, u dan ghax nonostante li kien hemm dak il-ftehim li jikkostitwixxi l-assoccjazzjoni, kif ukoll importa l-istess droga u kellu allura pussess aggravat tal-istess, pero din id-droga ma rrizultatx.

Minn naha l-ohra pero, certament kien hati tar-raba’ akkuza li mporta medicina psikotropika u specifikata (Diazepam) kif ukoll li kellu l-pussess ghall-uzu mhux esklussiv tal-istess, allura hati wkoll tal-hames akkuza - zewg reati li ma jinhtiegu ebda ezami fil-fond, tant kemm irrizultaw ampjament. Ma gie qatt per parentesi akkuzat b’assoccjazzjoni dwar din is-sustanza, meta gew emendati l-akkuzi, dan anke kif rifless mill-Att ta’ Akkuza prezentat.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront tar-4 u l-5 akkuzi (akkuza kif emendata folio 29), u dan wara li rat l-Artikoli 40A, 120A, u t-Tielet Skeda Taqsima B tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta’ Malta, Avviz Legali 22 tal-1985, L.S. 31.

18.

Dwar il-piena, qieset ukoll illi fl-ahhar seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Ligijiet ta’ Maltta b’zewg (2) gradi, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ erba’ snin u nofs (4½) u multa ta’ tmint elef Ewro (€8,000), liema multa ghandha tigi konvertita fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallssa;

Tikkundannah ukoll, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elf sitt mija u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,620.29), liema spejjez ghandhom jigu konvertiti fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata KB 35/2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------